It-Tlieta 18 ta' Mejju 2021

P9_TA(2021)0230

Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Greċja u lil Franza b'rabta ma' diżastri naturali u lill-Albanija, lill-Awstrija, lill-Belġju, lill-Kroazja, liċ-Ċekja, lill-Estonja, lil Franza, lill-Ġermanja, lill-Greċja, lill-Ungerija, lill-Irlanda, lill-Italja, lil-Latvja, lil-Litwanja, lil-Lussemburgu, lill-Montenegro, lill-Portugall, lir-Rumanija, lis-Serbja u lil Spanja fir-rigward ta' emerġenza tas-saħħa pubblika

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Mejju 2021 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Greċja u lil Franza b'rabta ma' diżastri naturali u lill-Albanija, lill-Awstrija, lill-Belġju, lill-Kroazja, liċ-Ċekja, lill-Estonja, lil Franza, lill-Ġermanja, lill-Greċja, lill-Ungerija, lill-Irlanda, lill-Italja, lil-Latvja, lil-Litwanja, lil-Lussemburgu, lill-Montenegro, lill-Portugall, lir-Rumanija, lis-Serbja u lil Spanja fir-rigward ta' emerġenza tas-saħħa pubblika (COM(2021)0201 – C9-0117/2021 – 2021/0077(BUD))

(2022/C 15/36)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0201 – C9-0117/2021),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 sabiex jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u lill-pajjiżi li qed jinnegozjaw l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni li jkunu affettwati serjament minn emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprja ġodda ([4]), b'mod partikolari l-punt 10 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0157/2021),

1. Jilqa' d-deċiżjoni bħala forma konkreta, tanġibbli u viżibbli tas-solidarjetà tal-Unjoni maċ-ċittadini u mar-reġjuni tal-Unjoni milquta minn diżastri naturali u l-emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 fl-2020;

2. Jilqa' pożittivament it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 minn Marzu 2020 biex jinkludi emerġenzi tas-saħħa pubblika maġġuri, bħall-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa;

3. Jesprimi empatija u solidarjetà mal-vittmi kollha tad-diżastri naturali devastanti u tal-pandemija tal-COVID-19;

4. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi rilaxxata assistenza finanzjarja permezz tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il-"Fond") u l-importanza li jiġi żgurat li din tilħaq b'mod adegwat lir-reġjuni u lill-benefiċjarji fil-pajjiżi affettwati;

5. Jiddispjaċih dwar l-ammont konsiderevoli ta' żmien meħud biex jiġu vvalutati l-applikazzjonijiet għal assistenza finanzjarja minħabba l-pandemija tal-COVID-19 fl-2020 ippreżentati sal-iskadenza finali uffiċjali tal-24 ta' Ġunju 2020, li wassal biex il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għall-mobilizzazzjoni tal-Fond mhux qabel l-aħħar ta' Marzu 2021; jissottolinja l-importanza tal-mobilizzazzjoni rapida tal-Fond fil-futur biex jipprovdi għajnuna tant meħtieġa wara diżastri naturali maġġuri jew emerġenzi maġġuri tas-saħħa pubblika;

([1]) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.
([2]) ĠU L 99, 31.03.2020, p. 9.
([3]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.
([4]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

6. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, kaġun it-tibdil fil-klima, id-diżastri naturali se jsiru dejjem aktar vjolenti u rikorrenti; jisħaq li ċerti reġjuni, bħall-gżejjer u r-reġjuni kostali huma partikolarment f'riskju li jiġu affettwati minn diżastri naturali; jenfasizza li l-Fond huwa biss strument kurattiv u li t-tibdil fil-klima jeħtieġ l-ewwel u qabel kollox politika preventiva biex jiġu evitati l-konsegwenzi futuri tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u l-Patt Ekoloġiku Ewropew; itenni l-importanza li jsir investiment fil-mitigazzjoni u l-adattament tal-klima għal reġjuni partikolarment vulnerabbli u li jiġu żgurati sinerġiji effettivi bejn il-Fond u l-programmi ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni;

7. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 18 ta' Mejju 2021

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Greċja u lil Franza b'rabta ma' diżastri naturali u lill-Albanija, lill-Awstrija, lill-Belġju, lill-Kroazja, liċ-Ċekja, lill-Estonja, lil Franza, lill-Ġermanja, lill-Greċja, lill-Ungerija, lill-Irlanda, lill-Italja, lil-Latvja, lil-Litwanja, lil-Lussemburgu, lill-Montenegro, lill-Portugall, lir-Rumanija, lis-Serbja u lil Spanja fir-rigward ta' emerġenza tas-saħħa pubblika

(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, id-Deċiżjoni (UE) 2021/885.)